MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2014

Appell Civili Numru. 296/2012/1

**Frans Micallef u martu Alexandra Micallef**

**Vs**

**Konjugi Paul u Audrey Ann Agius**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tas-6 ta' Mejju, 2010, fejn il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti:-*

*Rat ir-rikorsipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-5 ta' Settembru 2012, permezz ta' liema l-atturi talbu lill-Qorti (1) tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuta huma responsabbli ghall-hsarat sofferti minnhom fil-fond li jinsab Verdun, Triq il-Kbira Haz-Zebbug Malta u (2) tordnalhom biex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss jesgwixxu x-xoghlijiet rimedjali rikjesti biex jigu rimossi in-nuqqasijiet ezistenti fil-fond taghhom fuq imsemmi u dan taht sorveljanza ta' perit nominat mill-Qorti jekk ikun il-kaz (3) tordna wkoll lill-konvenuti sabiex fl-istess zmien qasir u perentorju prefiss lilhom skond it-talba precedenti, jirrimedjaw il-hsarat kollha kkawzati fil-fond tal-atturi kif jinghad hawn fuq bis-sorveljanza ta' l-istess perit (4) fil-kaz li l-konvenuti jonqsu milli jesegwixxu x-xoghlijiet opportuni skond iz-zewg talbiet precedenti fiz-zmien li jkun gie prefiss, tawtorizza lill-atturi biex jesegwixxu huma stess x-xogholijiet relattivi a spejjez tal-konvenuti.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tal-31 ta' Lulju 2012 u b'riserva ghal kull dritt ta' azzjoni spettanti lill-atturi ghar-rigward ta' danni ohrajn li ghad jista josfru kontra l-konvenuti.*

*Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li giet prezentata fid-9 ta' Ottubru 2012 fejn fiha eccepew:*

*"Illi in linea preliminari t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili stante li l-unici xogholijiet strutturali li ghamlu l-eccipjenti saru oltre erbatax (14)-il sena ilu.*

*Illi sussidjarjament u bla pregudizzju t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti mhumiex responsabbli ghall-hsarat allegati."*

*Rat illi fit-28 ta' Novembru 2012 xehed l-attur Frans Micallef fejn iddikjara li x-xoghol effettivament tlesta xi ghaxar snin ilu u li dan ix-xoghol sar fil-font "Marathon", Triq il-Kbira, Zebbug.*

*Rat l-affidavit ta' Frans Micallef li gie prezentat fit-12 ta' Dicembru 2012 fejn iddikjara li l-ewwel darba li ndunaw bil-hsara kien xi tmien snin ilu pero' dik il-hsara ma ghandha x'taqsam xejn ma' dik li raw f'dawn l-ahhar sentejn fejn il-hsara kibret u waslet f'punt fejn qeghdin f'periklu tant li qeghdin jibzghu li jwegga xi hadd.*

*L-attur flimkien ma' martu kienu kellmu lil Paul Agius sabiex jirranga. L-ewwel hsara grat meta' faqqet il-kamra tal-banju u cioe' l-madum tal-art u bdiet tinfetah konsentura fir-rokna. Ftit wara bdew johorgu l-konsenturi.*

*Dawn bdew jikbru, kien faqqa travu u l-hajt beda jigbed bil-konsenturi. L-attur stqarr illi kienu kellmu lill-konvenut anke bil-perit. Pero' l-konsenturi komplew jikbru.*

*Huwa ddikjara li l-hsarat godda ghadhom jitfaccaw sal-lum tant illi qabdu perit taghhom, certu Tancred Mifsud sabiex jissorvelja dawn il-hsarat. Huma gabu l-perit f'Gunju tas-sena 2012 u f'Ottubru ta' l-istess sena. Huwa stqarr illi konsentura partikolari kibret kwazi pied minn April sa meta nkiteb dan l-affidavit. Huma ndunaw b'dan ghax kienu gabu l-perit u qalilhom biex jimmarkaw sa fejn hi l-konsentura. F'dawn l-ahhar xhur faqqa wkoll is-saqaf tal-kcina u l-blajjiet kollha nqasmu, inkluz dawk tal-box room.Huma waslu f'punt fejn ma jistghux jibqghu b'din il-hsara gdida li qieghda dejjem tizdied. F'Ottubru tas-sena 2012, it-tieqa tal-kcina ddendlet hafna habba li strieh il-post. Dan sar minhabba xoghlijiet li ghamlu Paul u Audrey Agius.*

*L-attur ezebixxa zewg rapporti tal-Perit Tancred Mifsud, wiehed ta' Gunju 2012 u l-iehor tat-22 ta' Ottubru 2012. Ir-rapport ta' Gunju jghid li l-hsara tammonta ghal circa €2,300 minhabba hsarat li hargu fil-hitan u fil-kamra tal-banjuu hsarat fi kmamar ohrajn. Fir-rapport ta' Ottubru, l-perit ikkonferma illi l-hsarat zdiedu aktar minn dawk li kienu jidhru f'Gunju.*

*Rat l-affidavit ta' Alexandra Micallef li gie pprezentat fit-12 ta' Dicembru 2012 fejn iddikjarat li hija qrat l-affidavit ta' zewgha u kkonfermat il-kontenut tieghu. Hija stqarret li ghadhom sa' llum jindunaw bi hsarat godda tant illi qabdu l-perit Tancred Mifsud biex jara dawn il-hsarat. Huma gabu dan il-perit f'Gunju u f'Ottubru tas-sena 2012 u qalet illi qeghdin ifeggu hsarat godda ta' kuljum.*

*Hija spjegat li sa minn April, kien hemm konsentura partikolari li kibret kwazi pied. Huma ndunaw b'dan ghax il-perit qalilhom biex jimmarkaw sa fejn hi l-konsentura u biz-zmien bdiet timxi pied. Hija spjegat illi f'dawn l-ahhar xhur faqqa s-saqaf tal-kcina u nqasmu l-blajjiet kollha, inkluz dawk tal-box room. Hija sostniet li waslu f'punt fejn ma jistghux jibqghu b'din il-hsara gdida li qieghda tikber bil-granet.*

*Ricentement u cioe' lejn Ottubru ta' l-istess sena, it-tieqa tal-kcina ddendlet hafna minhabba li strieh il-post minhabba x-xoghlijiet li ghamlu l-konvenuti u harget anke konsentura minduda. Hija taf illi l-Perit ghamlilhom zewg rapporti. Wiehed minnhom sar f'Gunju 2012 minhabba hsarat li hargu fil-hitan, fil-kamra tal-banju u hsarat fi kmamar ohrajn u l-iehor sar fit-22 ta' Ottubru 2012 fejn il-perit ha gurament u kkonferma li l-hsarat zdiedu aktar minn dawk li kienu jidhru f'Gunju 2012. Hija sostniet illi jidher car mir-rapport li l-hsara kibret bejn l-ispezzjoni li kienet saret f'Gunju u l-ohra li saret f'Ottubru 2012.*

*Hija ddikjarat illi din hi s-sitwazzjoni li qeghdin jghixu fiha ghax kuljum hierga hsara gdida u dan minhabba dak li qed jaghmlu l-konvenuti. L-atturi qeghdin jinkwetaw li xi hadd mill-familja taghhom ser iwegga.*

*Semghet lill-partijiet jiddikjaraw li m'ghandhomx aktar xhieda xi jresqu b'relazzjoni ghall-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti dwar il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk din is-sentenza ser tinghata proprju fuq din l-eccezzjoni.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi mill-provi prodotti ma jidhirx li huwa kontestat li x-xoghol in kwistjoni li sar mill-konvenuti fil-proprjeta' taghhom Marathon, Triq il-Kbira, Zebbug sar ghaxar snin ilu kif del resto xehed l-istess attur. Ma jidhirx li huwa kontestat lanqas li effettivament fil-proprjeta' tal-konvenuti imsemmi fir-rikors promotur hemm diversi hsarat kif del resto iddeskriva il-Perit Tancred Mifsud fir-rapporti tieghu u li whud minnhom sahansitra anke bdew jitfaccjaw sa tmien snin ilu. Illi pero' apparti li l-konvenuti eccepew li ma kienux responsabbli ghad-danni in linea preliminari, eccepew il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza 'Carmelo sive Charles Magri vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et', [Deċiża fil-5 ta' Ottubru, 1998 – Vol LXXXII.II.751] dik il-Qorti osservat li l-ligi u l-gurisprudenza jiddistingwu tliet xorta ta' danni, jigifieri dawk derivanti minn delitt veru u proprju [fejn il-preskrizzjoni hija dik ta' l-azzjoni kriminali], dawk derivanti minn htija akwiljana [fejn il-preskrizzjoni hija dik ta' sentejn] u dawk derivanti minn inadempjenza kontrattwali [fejn il-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin].*

*Ara wkoll, 'Emanuele Cassar vs Marija Ciappara' [Deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Marzu, 1953] fejn inghad:*

*"il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni ghall-hlas ta' hsarat mhux ikkagunati b'reat tapplika biss ghad-danni akwiljana, naxxenti minn kawzi li, penalment mhumiex reati, imma jkunu delitti civili jew kwazi delitti."*

*Dan l-artikolu li precedentement kien l-Artikolu 2258 jirrigwarda danni derivanti minn htija jew "culpa" extra kontrattwali kif imsejha komunement "Culpa Aquiliana". Din hija applikabbli ghal danni li jitnisslu minn delitti fis-sens civili u kwazi delitti. Skond il-gurisprudenza taghna din il-preskrizzjoni tibda tghaddi mill-jum li fih ikun gara l-fatt illecitu u minnha jidderiva d-dannu u mhux mill-jum meta l-parti leza tigi taf bih. Huwa biss fil-kaz ta' htija extra-kontrattwali li jkollha l-effikacja l-preskrizzjoni eccepita.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet 'Mary Xuereb vs Nutar Emanuel Agius' deciza fil-31 ta' Ottubru 1959 moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta (Imh. Dr. A. V. Camilleri) XLIII-II-789, il-Qorti rriteniet illi dawn id-danni li tal-volta jistghu jigu reklamati a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap 16 ghandhom ikunu danni li jirrizultaw minn htija ossia kolpa extra-kontrattwali u hu mehtieg li l-vjolazzjoni ma jkollhiex ebda rapport dirett mal-kuntratt pre-ezistenti. Issa t-talba attrici tghid hekk:*

*"tiddikjara lill-konvenuti (1) responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi fil-fond li jinsab Verdun, Triq il-Kbira, Haz-Zebbug, (2) tordna lill-konvenuti biex fi zmien qasir u perentorju lil jigi lilu prefiss jesgwixxu x-xoghlijiet rimedjali rikjesti biex jigu rimossi in-nuqqasijiet ezistenti fil-fond taghhom fuq imsemmi u dan taht sorveljanza ta' perit nominat mill-Qorti jekk ikun il-kaz (3) tordna ukoll lill-konvenuti sabiex fl-istess zmien qasir u perentorju prefiss lilhom skond it-talba precedenti, jirrimedjaw il-hsarat kollha kkawzati fil-fond tal-atturi kif jinghad hawn fuq bis-sorveljanza ta' l-istess perit (4) fil-kaz li l-konvenuti jonqsu milli jesegwixxu x-xoghlijiet opportuni skond iz-zewg talbiet precedenti fiz-zmien li jkun gie prefiss tawtorizza lill-atturi biex jesegwixxu huma stess x-xogholijiet relattivi a spejjez tal-konvenuti".*

*Din il-Qorti sejra tghaddi issa biex tistharreg jekk tirrizultax pruvata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art.2153.*

*Kif inghad fis-sentenza moghtija fl-ismijiet 'Stencil Pave (Malta) Limited vs Kunsill Lokali Naxxar', deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-30 ta Mejju 2003:*

*"Hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmieri li ghadda z-zmien jew billi ggib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq";*

*Hu stabbilit fil-gurisprudenza illi min iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju (Qorti tal-Appell – "Holland noe vs Chetcuti" – 25 ta` Frar 2000). Sinjifikanti f`dan ir-rigward huwa dak li qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha ta` l-4 ta`Dicembru 1987 fil-kawza "Causon vs Sheibani noe" -*

*"Min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f`posizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le".*

*Din il-Qorti tghid ukoll illi huwa principju tad-dritt illi l-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jezisti dubbju dwar l-applikabilita` taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min jeccepixxi l-preskrizzjoni ("Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar*

*Company Limited" deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta PA/JRM fit-12 ta` Ottubru 2004, u "Ellul noe vs Vella noe" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta` Mejju 2001).*

*Il-konvenuti qed jallegaw illi l-azzjoni attrici hi preskritta bi skadenza ta' sentejn skond l-Artikolu 2153. Dan l-artikolu jghid illi l-azzjonijiet ghad-danni mhux naxxenti minn reat huma preskrivibbli gheluq sentejn. Dan l-artikolu japplika ghal azzjoni ghad-danni naxxenti minn relazzjoni extra kontrattwali.*

*Gie ritenut fis-sentenza moghtija fl-ismijiet 'Laurenti Giovanni sive Vanni Et vs Mapa Holdings Ltd' deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-23 ta' Mejju 2003 li:*

*"Il-fatt illi hemm relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet ma jfissirx illi kull hsara li ssir tkun bil-fors konsegwenza ta' inadempiment ta' xi obbligazzjoni li li tohrog mill-kuntratt. Il-preskrizzjoni ta' tali ghemil illecitu, li ma jammontax ghal reat, hija dik ta' sentejn taht l-art. 2153."*

*Sabiex tirrizulta din il-preskrizzjoni, huwa mehtieg li d-danni jkunu jidderivaw minn culpa aquiliana u cioe` minn htija mhux kontrattwali, kif ukoll li ma jkunux il-konsegwenza ta` reat.*

*Sabiex ikun determinat iz-zmien meta jibdew jiddekorru s-sentejn, trid issir riferenza ghall-Art. 2137 tal-Kap.16 li jaqra hekk:*

*'Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.'*

*Fil-kaz tal-lum, l-azzjoni setghet tigi ezercitata mill-mument li l-atturi innotaw il-hsara fil-proprjeta' taghhom. Huwa principju maghruf f'materja ta' preskrizzjoni illi t-terminu tal-preskrizzjoni tad-dritt ghar-rizarciment tal-hsara minhabba fatt illecitu jiddekorri mill-mument li fih il-hsara timmanifesta ruhha esternament u ssir oggettivament percepibbli u maghruf. Ghall-attur dan il-mument kien fis-sena 2004/2005 (tmien snin ilu) u l-Qorti ma tistax tigbed kongetturi illi dan seta' kien f'xi data anterjuri u bilfors ghalhekk 'l hinn mis-sentejn li ssemmi l-ligi fl-artikolu specifiku. Ghal kull buon fini l-Qorti tqis li hi proprju l-imsemmi perijodu li fih twieldet l-obbligazzjoni li ssemmi d-duttrina (ara Laurent "Principii di Diritto Civile",Vol. XXXII para 16), u li jrid bhala bidu ta' tluq taz-zmien preskrittiv l-Artikolu 2137, Kodici Civili. Ara b'ezemplari ta' dan il-principju decizjonijiet a Vol. XXVIII P Ip 726; Vol. XXIX P II p 103; Vol. XXXVI P II p 509 u Vol.XXXVII P I p 622, fost bosta ohrajn.*

*Frans Micallef fil-kawza odjerna jghid ex-admissis "l-ewwel darba li indunajna bil-hsara kien xi tmien snin ilu pero' l-hsara li kellna tmien snin ilu ma ghandha x'taqsam xejn ma dik li rajna f'dawn l-ahhar sentejn fejn il-hsara kibret u waslet f'punt fejn qieghdin f'perikolu tant li qieghdin nibzghu li xi hadd minnha jwegga."*

*Mart l-attur Alexandra Micallef tikkonferma dak li qal zewgha fl-affidavit tieghu. M'hemmx dubju li l-hsara li l-atturi qeghdin jilmentaw dwarha, saret fuq medda ta' zmien. Dan huwa indikazzjoni cara hafna li l-problema ilha ezistenti fil-proprjeta' ghal zmien twil.*

*Minn natura tal-eccezzjoni tal-konvenuti, jirrizulta li l-atturi qed jattribwixxu dawn id-danni fil-proprjeta' taghhom bhala rizultat tax-xoghlijiet li l-konvenuti ghamlu fil-proprjeta'taghhom. Il-konvenuti jghidu li huma ghamlu ix-xoghol taghhom aktar minn erbatax-il sena qabel ma gew intimati gudizzjalment mill-atturi sabiex jaghmlu tajjeb ghall-hsarat sofferti minnhom, waqt li l-atturi jghidu li x-xoghol sar xi tmien snin ilu. Issa mill-ftit provi mismugha jirrizulta li l-*

*atturi ilhom isofru danni sa minn tmien snin ilu pero' ma tkelmu xejn u kien biss dawn l-ahhar sentejn li iddecidew li jitkellmu u jfittxu lill-konvenuti.*

*Illi kif gie spjegat aktar 'l fuq il-perijodu ta' preskrizzjoni jibda jghaddi minn dak inhar li l-azzjoni tista' titressaq u l-parti mharrka trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq (vide 'Peter Montebello vs Peter Montebello deciza in parte mill-Prim'Awla tal-Qorti Civli fil-25 ta' Settembru 2003). In fatti l-Artikolu 2137 tal-Kap 16 jiddisponi illi "l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss". Ghall-finijiet tal-Artikolu 2137, iz-zmien li fih l-azzjoni ghandha tinbeda tiddependi minn cirkostanzi oggettivi u mhux minn x'jahsbu l-konvenuti imgarba.*

*L-impossibilta` li wiehed jagixxi trid tkun impossibilita` indipendenti mill-volonta` tieghu, dovuta ghal kawza estranea, li huwa ma setax jirrimwovi (u mhux bhal kaz in desamina li ra l-hsarat xi tmien snin ilu u ghogbu ma jitkellimx ghal diversi snin). Sahansitra anke is-semplici injoranza tad-dritt, fiha nfisha, mhiex impediment ta' din ix-xorta. Iz-zmien preskrittiv jghaddi biss minn dakinhar li jkun tnissel id-dritt jew setghet tinbeda l-azzjoni meqjusa biex thares dak id-dritt. Dan il-principju huwa mibni fuq il-massima li actioni non natae non praescribitur.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Sede Inferjuri fl-ismijiet 'Mario Lapira vs C & A Company Limited' deciza fit-2 ta' Gunju 2003) fejn gie affermat li:*

*"Il-ligi taghna b'disposizzjoni espressa tiddisponi bhala regola generali illi l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda tghaddi mill-gurnata li fiha l-azzjoni tista' tigi ezercitata (Art 2137 tal-Kodici Civili). L-osservazzjoni ta' din ir-regola hi wahda bazika, tant li jinsab insenjat illi l-impossibilita` li wiehed jagixxi trid tkun*

*impossibilita` indipendenti mill-volonta`tieghu, dovuta ghal kawza estranea, li huwa ma setax jirrimwuovi.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet 'Ignatius Busuttil vs Water Services Corporation' deciza mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri, nhar it-12 ta' Jannar 2005, inghad li: "Huwa principju maghruf f'materja ta' preskrizzjoni illi t-terminu tal-preskrizzjoni tad-dritt ghar-rizarciment tal-hsara minhabba fatt illecitu jiddekorri mill-mument li fih il-hsara timmanifesta ruhha esternament u ssir oggettivament percepibbli u maghruf".*

*Illi ghalhekk hija il-fehma tal-Qorti li tispjega li l-konvenuti bix-xhieda tal-istess attur, irnexxielhom jipprovaw li l-atturi kienu ben konxji tal-hsarat sofferti minnhom sa minn tmien snin ilu u ghalhekk messhom intavolaw tali proceduri fil-perjodu ta' sentejn minn meta ndunaw b'tali hsarat.*

*Ghalhekk in vista tar-ragunament ta' din il-Qorti kif fuq moghtija, il-Qorti tiddikjara li qieghda tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti dwar il-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta'*

*Malta u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-kaz.*

*L-ispejjez ta' din il-kawza kif mitluba fir-rikors promotur jithallsu kollha mill-atturi.*

Illi l-appellanti Frans Micallef u Alexandra Micallef appellaw mill-imsemmija sentenza fit-termini tal-aggravji li jikkoncernaw:-

(a) illi l-Qorti ghamlet apprezzament hazin ta' minn meta jibda jiddekorri t-terminu tal-preskrizzjoni u kellha tapplika dan it-terminu meta l-hsara immanifestat ruhha ampjament.

(b) It-tieni aggravju huwa dwar l-ispejjez; tali spejjez ma kellhomx ibaghtuhom l-atturi appellanti.

Illi qabel ma taghmel kwalsiasi konsiderazzjoni dwar l-aggravji migjuba 'il quddiem mill-appellanti, ma jistax ma jigix osservat illi hemm skarsita ta' provi fl-atti, tant hu hekk illi dina il-Qorti kellha diffikulta sabiex tasal biex tistabilixxi zewg fatturi importanti li iggib maghha l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u cioe' iz-zmien meta saru ix-xogholijiet mill-konvenuti appellati u x'kienet l-entita' ta' dana ix-xoghol u fit-tieni lok id-data meta tfaccjaw l-ewwel hsarat u jekk l-istess kellhomx konnessjoni ma' dawn l-imsemmija xogholijiet.

Illi hija gurisprudenza ormai pacifika illi jinkombi fuq il-konvenut appellat sabiex iressaq provi dwar l-eccezzjoni sollevata minnu u cioe' illi d-dritt tal-persuna li qed tagixxi kontrieh gie estint minhabba it-trapass taz-zmien. Dan ghaliex l-istitut tal-ppeskrizzjoni huwa wiehed restrittiv li qed ixejjen id-dritt li wiehed jirrikorri lejn il-qrati sabiex issir gustizzja mieghu. Fil-fehma ta' dina il-Qorti, l-konvenut dan ma jaghmlux billi l-uniku prova li iressaq hija x-xhieda ta'l-attur appellanti stess li isemmi b'mod legger illi ix-xogholijiet li saru mill-konvenuti kienu gew esegwiti madwar ghaxar snin qabel. Barra minn dan hemm zewg affidavits ta'l-atturi appellanti  fejn anness ma' wiehed minnhom jinsabu zewg rapporti maghmula mill-Perit Tancred Mifsud. L-attur appellanti isemmi illi kien osserva xi hsarat madwar tmien snin qabel ma intentaw dina l-azzjoni, u liema hsarat l-attur Micallef ighid illi ma kellhom xejn x'jaqsmu mal-hsarat li osservaw fl-ahhar sentejn. Madanakollu x'kienu dawn il-hsarat li gew osservati

zmien qabel ma gewx indikati. Lanqas ma jirrizulta car u tond mill-affidavit tieghu jekk huwa kellimx lill-konvenuti appellati f'dak iz-zmien jew inkella recenti meta il-hsara bdiet tizdied. Ighid illi l-ewwel hsara li harrget kienet meta faqqa il-madum tal-art tal-kamra tal-banju u bdiet tinfetha konsentura mir-rokna. Meta sehh dan fl-affidavit ma jigix indikat. Lanqas ma jirrizulta iz-zmien meta l-atturi appellanti l-ewwel darba avvicinaw lill-konvenuti sabiex jirrimedjaw ghal dina is-sitwazzjoni.

Il-Qorti ma tistax ma ticcensurax l-inazzjoni da parti tal-konvenuti 'din il-kawza Dana ghaliex lanqas ma jindenjaw rwiehom iressqu prova wahda sabiex issostnu l-eccezzjoni sollevata minnhom u ihallu lill-atturi jaghmlulhom xogholhom! Dana in-nuqqas da parti tal-konvenuti appellati iwassal lil dina il-Qorti sabiex tara illi allura kien impossibbli ghall-ewwel Qorti tistabbilixxi id-data preciza minn meta kellha tibda tiddekorri il-preskrizzjoni u jekk l-istess dekors giex interrott f'xi zmien. Il-fatt jibqa' madanakollu illi minn dawn il-ftit provi li hemm fl-atti ma hemm xejn car u di piu' johrog biss fattur wiehed indiskutibbli illi l-hsarat jidhru li huma kontinwi u qeghdin biz-zmien jizdiedu. Kien ikun ghaqli li kieku l-Ewwel Qorti semghet dak li kellu xi ighid il-Perit Arkitett li gie inkarigat mill-atturi sabiex jaghti iktar dettalji dwar dak li indika ir-rapporti tieghu jew fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar il-fehma ta' dan l-espert, illi jigi nominat espert mill-Qorti sabiex jassistieha tasal ghal decizjoni dwar l-entita' tal-hsarat u jekk l-istess setghux gew identifikati mill-atturi zmien qabel ma huma intentaw dawn il-proceduri. Dana sfortunatament ma sarx u kwindi in-nuqqas ta' provi jimmillita necessarjament kontra l-konvenuti li ghoghobhom jissollevaw tali eccezzjoni.

Sinjifikanti f'dan ir-rigward dak li qalet il-Prim'Awla fis-sentenza taghha ta' l-4 ta' Dicembru 1987 fil-kawza fl-ismijiet : "**Edgar Causon vs. Abdelsala, A. Sheibani noe**." fis-sens illi : "**Min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li**

**jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkunx f'posizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le**". (Kollez. Vol. LXXI. Pt. II. P. 782)

"**L-enuncjazzjoni korretta kellha tkun illi una volta tinghata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, min jaghtiha kellu jipprova l-element essenezjali tal-eccezzjoni tieghu. Dana mid-data minn meta l-attur seta' jipproponi l-azzjoni. Altrimenti kien japplika l-principju "*contra non valentem agere non currit prescriptio*." Stabbilit dan kien imbaghad jispetta lill-attur illi jaghzel it-triq lilu miftuha bil-ligi biex jiddefendi ruhu kontra l-estinzjoni tal-azzjoni tieghu f'wiehed jew aktar mill-mezzi li l-ligi tqieghed ghad-disposizzjoni tieghu**.[1]"

Illi kif irriteniet gustament l-ewwel Qorti, l-preskrizzjoni applikabbli ghal dana il-kaz huwa dak naxxenti minn *culpa aquiliana* ai termini ta'l-artikolu 2153 tal-Kap.16. Fuq dana il-fatt lanqas ma jidher illi kien hemm xi kontestazzjoni bejn il-partijiet. Dana ghaliex l-atturi appellanti qed jibbazaw l-azzjoni taghhom ghad-danni fuq xogholijiet li saru mill-konvenuti appellati fir-residenza taghhom sottostanti dik ta'l-atturi. Illi l-obbligu tal-konvenuti appellati kien wiehed u cioe' illi jaraw illi tali xogholijiet isiru skond is-sengha u l-arti u kwindi kellhom jitqiesu responsabbli ghal kwalsiasi hsara li setghet tirrizulta minhabba f'xoghol difettuz konsegwenza ta' negligenza jew nuqqas ta' professjonalita'. Illi kif irriteniet ukoll gustament l-ewwel Qorti, t-twelid ta'l-azzjoni akwiljana kellu ikun dak il-mument li fih dawn id-danni avveraw rwiehom u ghalhekk indunaw l-atturi appellanti bihom. Illi hawnhekk tiskatta ir-regola inferita fl-artikolu 2137 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' illi t-terminu prekrittiv

[1] Guido J Vella vs Emanuel Cefai – 05/10/2001 – Appell Civili Superjuri

jibda jiddekorri minn dakinhar li l-azzjoni setghet tigi ezercitata minghajr ma jittiehed qies ta'l-istat jew il-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss. Indubbjament allura l-azzjoni f'dana il-kaz ma setghetx tigi ezercitata qabel ma l-atturi jissubixxu id-dannu b'konsegwenza diretta tax-xogholijiet difettuzi maghmula mill-konvenuti.

Illi f'materja ta' xoghol ta' kostruzzjoni, il-hsara li tista' tirrizulta konsegwenzjali ghal tali xogholijiet mhux necessarjament tkun vizibbli jew apparenti minnufih. Tant hu hekk illi l-ligi stess torbot lill-perit u lill-kuntrattur li ikunu hadu hsieb x-xogholijiet ta' kostruzzjoni ghal zmien twil ta' hmistax-il sena ghal xi nuqqas fix-xoghol li ikun sar[2]. Dana ifisser biss illi hemm perijodu twil ta' zmien li fih hsara minhabba xoghol difettuz fil-kostruzzjoni jista' isir apparenti. Kwindi il-ligi tissalvagwardja id-dritt ta' azzjoni tal-parti li tbati hsarat konsegwenza ta' dawn ix-xogholijiet diffetuzi ghal zmien twil. Isegwi minn dan ir-ragunament illi f'kazijiet bhal dawn kif gie stabbilit fil-gurisprudenza taghna illi:

"**Hawnhekk pero' huma applikabbli principji ohra, u dan peress illi jezistu sitwazzjonijiet ta' certi impedimenti li jaghmulha impossibbli, jew difficli, ghall-ezercizzju tal-azzjoni li tkun mill-parti. Dan jokkorri per ezempju meta l-ammont tal-hsara jiehu tul taz-zmien biex jigi determinat, ghax il-hsara tirrepeti ruhha kultant zmien. Ma tistax tinbeda kawza biex fiha jintalab kumpens ghal hsarat li ghadhom ma gewx kristalizzati, u l-ebda zmien ta'**

[2] Ara artikolu 1638 tal-Kapitolu 16

**preskrizzjoni ma jista' jitqies li jghaddi sakemm fil-fatt il-hsara tibqa tiggrava**."[3]

Ukoll fis-sentenza Paola Galea et vs John Cauchi et[4] jinghad:

**"Illi minhabba li l-preskrizzjoni mressqa mill-konvenut u l-kjamata fil-kawza hija wahda estintiva tal-azzjoni attrici (almenu f'dik il-parti li tirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni), jidhol fis-sehh il-principju li z-zmien preskrittiv jghaddi biss minn dak inhar li jkun tnissel id-dritt jew setghet tinbeda l-azzjoni meqjusa biex thares dak id-dritt. Dan il-principju huwa mibni fuq il-massima li "actioni non natae non praescribitur". (P.A. (JRM) "Raymond Grech et vs Stefan Borg" - 14 ta' Gunju 2001).**

**Illi l-awturi Baudry-Lacantinerie u Tissier f' dan ir-rigward josservaw li:-**

**"Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l' azione che e' destinata ad estinguere…". Izjed 'il quddiem izidu jghidu illi "La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell' evento che fa nascere il diritto rimasto fin allora puramente eventuale""**

Tkompli l-istess decizjoni**:**

---

[3] Ara sentenza Scembri vs Zahra
[4] PA 31/01/2008

**“Illi hija x’inhi il-preskrizzjoni nvokata mill-konvenut, jaqa’ dejjem fuq il-Qorti li tqis minn liema data tali preskrizzjoni bdiet ghaddejja, u l-elezzjoni ghandha tigi michuda jekk mill-provi mressqin jew mill-atti tal-process dik id-data ma tkunx tista’ tigi stabbilita`;” (P.A. (JRM) “John Bugeja vs Joseph Gauci” – 28 ta’ Novembru 2002); P.A. (JRM) – 14 ta’ Gunju 2001; (P.A. (JRM) “Joseph Grech vs Ivan Mifsud et” – 1 ta’ April 2003).”**

Finalment fil-kawza Stencil Pave (Malta) Limited vs Dr. Maria Deguara nomine et. Deciza PA 30/10/2003 (per Imhallef Micallef):

**“Illi ghal dak li jirrigwarda l-aspetti legali tal-eccezzjoni taht eżami, jibda biex jinghad li f’kull każ li tittella’ eccezzjoni tal-preskrizzjoni, huwa mehtieg li fl-ewwel xoghol jigi determinat minn mindu l-preskrizzjoni tal-azzjoni ghandha tibda titqies. Huwa dmir tal-Qorti li tqis dan il-fatt krucjali, ghaliex meta tali data mill-provi mressqa ma tistax titqies, il-Qorti trid awtomatikament tichad l-eccezzjoni;**

**Illi, kif inghad iżjed ‘il fuq, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid tinghata tifsira restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jeżisti xi dubju dwar l-applikabilita’ taż-żmien preskrittiv minn dak li jirriżulta mill-atti, tali dubju ghandu jmur kontra l-eccipjent. Dan ma jfisser bl-ebda mod li l-attur huwa mehlus milli jressaq provi konvincenti fl-istadju tal-provi fil-mertu, biex isejjes l-allegazzjonijiet tieghu. ...**

**Illi bilkemm ghandu ghalfejn jinghad li l-preskrizzjoni (specjalment dik tax-xorta li toqtol il-process) hija istitut li, min-natura tieghu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika ghalih il-ligi u jitfisser dejjem b'mod li ma jgibx fix-xejn il-ghan illi ghandu isir haqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni."**

Kwindi stabbilit allura illi it-terminu minn meta kellu jibda jidekorri il-preskrizzjoni ghall-azzjoni odjerna ma setax jigi determinat b'mod definittiv u kwindi lanqas jekk l-istess setax gie interrott, billi l-konvenuti appellati naqqsu milli iressqu provi sufficjenti dwar l-ececzzjoni sollevata minnhom, tant illi kien kwazi impossibbli li jigi stabbilit iz-zmien minn meta kellu jibda jiddekorri it-terminu preskrittiv, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-ewwel aggravju tal-atturi appellanti huwa wiehed gustifikat u jisthoqq akkoljiment. Ghal dawn il-motivi l-Qorti mhijiex ser tidhol biex tezamina it-tieni aggravju billi dana huwa konsegwenzjali ghall-ewwel wiehed.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-appell u b'hekk tirrevoka s-sentenza appellata li laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni eccepieta. Tirrinvija l-atti lill-ewwel Qorti biex hemm tkompli tigi trattata u definita l-kawza fuq il-mertu taghha u fl-ambitu tal-eccezzjonijiet l-ohra sollevati.

L-ispejjez gudizzjarji tal-prezenti procedura jitbatew mill-konvenuti appellati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------